

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – AEDEC vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-91/15) ⁽¹⁾

(“Riċerka u żvilupp teknoloġiku — Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ‘Horizon 2020’ — Sejħa għal proposti fir-rigward tal-programmi ta’ ħidma 2014-2015 — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara mhux eliġibbli l-proposta ppreżentata mir-rikorrenti — Obbligu ta’ motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Proporzjonalità — Trasparenza — Żball manifest ta’ evalwazzjoni”)

(2016/C 402/46)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Asociación Española para el Desarrollo de la Epidemiología Clínica (AEDEC) (Madrid, Spanja) (rappreżentant: R. López López, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: N. Ruiz García u M. Siekierzyńska, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-4 ta' Settembru 2014 li fiha l-Kummissjoni ħadet it-talba għal finanzjament imressqa mir-rikorrenti fisem il-konsorzju Latin Plan.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Asociación Española para el Desarrollo de la Epidemiología Clínica (AEDEC) hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 127, 20.4.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016 – Arrom Conseil vs EUIPO – Nina Ricci
(Roméo has a Gun by Romano Ricci)**

(Kawża T-359/15) ⁽¹⁾

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat – trade mark tal – Unjoni Ewropea figurattiva Roméo has a Gun by Romano Ricci — Trade marks tal – Unjoni Ewropea verbali preċedenti NINA RICCI u RICCI — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Vantaġġ indebitu miksub mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti — Dannu għar-reputazzjoni — Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2016/C 402/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Arrom Conseil (Arrom Conseil (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: C. Herissay Ducamp u J. Blanchard, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: H. Kunz, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Nina Ricci SARL (Pariġi, Franza) (rappreżentant: E. Armijo Chávarri, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' April 2015 (Każ R 1021/2014-1) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Nina Ricci u Arrom Conseil.

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Arrom Conseil hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Nina Ricci SARL.*

⁽¹⁾ ĠU C 294, 7.9.2015.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2016 – Alsharghawi vs Il-Kunsill

(Kawża T-485/15) ⁽¹⁾

“Politika barranija u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati minħabba s-sitwazzjoni fil-Libja — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni li huma suġġetti għal restrizzjonijiet inkonnessjoni mad-dħul u mal-passaġġ fi tranżitu fit-territorju tal-Unjoni Ewropea — Funzjonijiet ta’ ex kap tal-kabinet ta’ Mouammar Gaddafi — Għażla ta’ bażi legali — Obbligu ta’ motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Preżinjoni tal-innoċenza — Proporzjonalità — Libertà ta’ dħul u ħruġ — Dritt tal-proprjetà — Obbligu li tiġi ġġustifikata l-fondatezza tal-miżura”

(2016/C 402/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Bashir Saleh Bashir Alsharghawi (Johannesburg, l-Afrika t’Isfel) (rappreżentant: É. Moutet, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Vitro u V. Piessevaux, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali, fl-ewwel lok, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333, tal-31 ta’ Lulju 2015, dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (ĠU L 206, p. 34), u, fit-tieni lok, tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1323, tal-31 ta’ Lulju 2015, li jimplimenta l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja (ĠU L 206, p. 4).

Dispożittiv

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Bashir Saleh Bashir Alsharghawi għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 337, 12.10.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2016 – Excalibur City vs EUIPO – Ferrero
(MERLIN’S KINDERWELT)**

(Kawża T-565/15) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MERLIN’S KINDERWELT — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti KINDER — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta’ xebh tas-sinjali — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2016/C 402/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Excalibur City s.r.o. (Znojmo, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: E. Engin-Deniz, avukat)